



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

Sejħa għal kandidaturi

 Il-Lussemburgu

Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Il-pożizzjoni ta' Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dalwaqt ser tkun vakanti. Ir-Reġistratur ser jinħatar skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 18 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Ir-Reġistratur jinħatar għal mandat ta' 6 snin. L-istatus tiegħu u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu huma rregolati mill-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, mir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016 li jiddetermina l-emolumenti ta' persuni f'karigi pubbliċi għolja tal-UE.

Natura tal-kariga

Ir-Reġistratur jassisti lill-Qorti tal-Ġustizzja fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji tagħha. Għal dan l-għan, huwa jwettaq il-karigi deskritti fl-Artikolu 20 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Barra minn hekk, ir-Reġistratur huwa s-Segretarju Ġenerali tal-istituzzjoni, li hija komposta minn żewġ qrati, jiġifieri l-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Taħt l-awtorità tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa jiżgura l-amministrazzjoni tal-istituzzjoni u jmexxi l-persunal u d-dipartimenti tagħha. B'delega tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa jeżerċita l-funzjonijiet ta' uffiċjal awtorizzanti tal-krediti msemmija fil-baġit tal-istituzzjoni.

Kompetenzi meħtieġa

Il-kandidati:

- għandhom ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;

- għandu jkollhom taħriġ legali sħiħ iċċertifikat b'lawrea universitarja kif ukoll konoxxenza approfondita tad-dritt tal-Unjoni Ewropea u tal-funzjonament tal-qrati tagħha;
- għandu jkollhom 15-il sena esperjenza professjonali, li parti sinjifikattiva minnhom tkun f'karigi ta' responsabbiltà ta' livell għoli ħafna;
- għandu jkollhom konoxxenza tajba ħafna tal-lingwa Ingliża u dik Franċiża. Konoxxenza ta' lingwi uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea tiġi apprezzata.

Preżentazzjoni tal-kandidaturi

Il-kandidaturi għandhom jaslu għand il-Qorti tal-Ġustizzja, permess tal-posta elettronika biss, fl-indirizz elettroniku Greffier.CJUE@curia.europa.eu **mhux iktar tard mill-24 ta' Ġunju 2026 f'12:00.**

Il-kandidaturi għandhom jinkludu (i) *curriculum vitae* li tagħti l-informazzjoni kollha dwar in-nazzjonalità, il-kwalifiki universitarji, il-konnoxxenzi lingwistiċi, l-impjiegi attwali u preċedenti kif ukoll l-esperjenza ġudizzjarja u internazzjonali potenzjali tal-kandidati, u (ii) espożizzjoni qasira dwar il-viżjoni tal-kandidat dwar l-eżerċizzju tal-pożizzjoni vakanti (massimu ta' 5 paġni).